

Paġna Ewlenija > ... > Leġiżlazzjoni U Każistika > Identifikatur Ewropew Tal-ġurisprudenza (ECLI) > Germany

Identifikatur ewropew tal-ġurisprudenza (ECLI)

Il-kontenut ipprovdut minn
Ġermanja



Ġermanja

Il-koordinatur nazzjonali tal-ECLI

Il-koordinatur innominat tal-ECLI għall-Ġermanja huwa:
L-Uffiċċju Federali tal-Ġustizzja (*Bundesamt für Justiz*)
Unit VII 1
Adenauerallee 99-103
53113 Bonn
il-Ġermanja

Tel.: +49 228 99410-5801

Email: kompetenzzentrum-ris@bfj.bund.de
<https://www.bundesjustizamt.de>

Introduzzjoni u firxa tal-ECLI fil-Ġermanja

Fil-Ġermanja, il-Qorti Kostituzzjonali Federali (*Bundesverfassungsgericht*), il-Qorti tal-Ġustizzja Federali (*Bundesgerichtshof*), il-Qorti Amministrattiva Federali (*Bundesverwaltungsgericht*), il-Qorti Fiskali Federali (*Bundesfinanzhof*), il-Qorti Industrijali Federali (*Bundesarbeitsgericht*), il-Qorti Soċjali Federali (*Bundessozialgericht*) u l-qrati tal-*Länder* introduċew l-ECLI fil-bażijiet tad-*data* tad-deċiżjonijiet tagħhom. Hemm allokati ECLI għad-deċiżjonijiet kollha ppubblikati fis-siti web rispettivi tagħhom minn meta ġie introdott l-ECLI. Għal aktar dettalji, ara:

Il-Qorti Kostituzzjonali Federali
<http://www.bundesverfassungsgericht.de> (hemm pjanijiet biex l-ECLIs jiġu allokati b'mod retroattiv għad-deċiżjonijiet ppubblikati kollha);

Il-Qorti tal-Ġustizzja Federali
<http://www.bundesgerichtshof.de> (għal deċiżjonijiet ippubblikati fis-sit web tal-Qorti Kostituzzjonali Federali mill-1 ta' Jannar 2016);

Il-Qorti Amministrattiva Federali
<http://www.bundesverwaltungsgericht.de> (għad-deċiżjonijiet kollha ppubblikati fis-sit web tal-Qorti Amministrattiva Federali);

Il-Qorti Fiskali Federali
<http://www.bundesfinanzhof.de> (għal deċiżjonijiet ippubblikati fis-sit web tal-Qorti Fiskali Federali mill-4 ta' Ottubru 2016);

Il-Qorti Industrijali Federali
<http://www.bundesarbeitsgericht.de> (għal deċiżjonijiet datati wara l-1 ta' Jannar 2015);

Il-Qorti Soċjali Federali

<http://www.bundessozialgericht.de> (għal deċiżjonijiet ippubblikati fis-sit web tal-Qorti Soċjali Federali mill-1 ta' Jannar 2010);

Il-qradi tal-*Länder*

<http://www.justiz.de/onlinedienste/rechtsprechung/index.php>.

Tista' tuża wkoll il-magna tat-tiftix ECLI tal-UE biex issib deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali Federali u tal-Qorti Amministrattiva Federali li ġie allokat ECLI għalihom.

Struttura tal-ECLIs

L-ECLIs ġenerali

għandhom ħames komponenti. Kull komponent huwa separat mill-oħrajn b'żewġ punti. L-ECLIs allokatu mill-Ġermanja dejjem jibdew bl-ECLI (①) segwiti minn DE għall-Ġermanja (②). It-tielet komponent, magħruf bħala l-kodiċi tal-qorti (③), juri liema qorti ħadet id-deċiżjoni (eż. BVerfG għall-Qorti Kostituzzjonali Federali). Ir-raba' komponent (④) jindika s-sena meta ttieġdet id-deċiżjoni u jikkonsisti f'sekwenza ta' erba' ċifri (fil-format ssss, eż. 2016).

ECLI : DE : BVerfG : 2016 : b s 20160301 c . 2bvb000113
① ② ③ ④ ⑤ ⑥ ⑦ ⑧ ⑨

Il-qradi jiġġeneraw il-komponent finali, magħruf bħala n-numru ordinali (minn ⑤ 'l fuq), skont ir-regoli individwali tagħhom. Il-kodiċijiet tal-qorti u n-numri ordinali użati minn kull qorti huma spjegati separatament hawn taħt.

Dettalji għal qradi individwali

Il-Qorti Kostituzzjonali Federali

Il-kodiċi tal-qorti (③) ikun dejjem BVerfG. In-numru ordinali jikkonsisti fil-partijiet ⑤ sa ⑨. Il-parti ta' qabel tal-aħħar u l-aħħar parti huma separati b'punt. Il-komponenti eżatti tan-numru ordinali huma spjegati fid-dettall hawn taħt.

5. Tip ta' proċedura:

- b Il-kostatazzjoni li waħda jew aktar mill-partijiet aġixxew b'mod antikostituzzjonali
- c Appell kontra deċiżjoni f'tilwima elettorali
- e Proċedimenti ta' riżoluzzjoni għat-tilwim bejn korpi kostituzzjonali
- f Stħarriġ ġudizzjarju astratt
- g Tilwim bejn il-Gvern Federali u l-*Länder*
- h Tilwim ieħor bejn il-Gvern Federali u l-*Länder*
- k Tilwim li jikkonċerna l-kostituzzjoni ta' *Land*
- l Stħarriġ ġudizzjarju sostantiv
- m Stħarriġ dwar dritt internazzjonali bħala dritt Federali
- n Interpretazzjoni tal-Liġi Fundamentali wara rinviju mill-qorti kostituzzjonali ta' *Land*
- p Deċiżjonijiet dwar materji oħrajn imsemmijin fl-Att Federali
- q Miżuri kawtelatorji
- r Rikorsi kostituzzjonali
- up Deċiżjonijiet tal-qorti f'udjenza plenarja
- vb Rikorsi kontra dewmien ġudizzjarju

6. Abbrevjazzjonijiet għall-formazzjonijiet tal-qorti: k għal deċiżjonijiet tal-Kamra jew s għal deċiżjonijiet ta' Senat (mhux għal kawżi li jitolbu udjenza plenarja jew rikorsi kontra dewmien; f'każijiet bħal dawn il-formazzjoni tal-qorti tkun impliċitament indikata bl-abbrevjazzjoni up u vb).
7. Id-data eżatta tad-deċiżjoni fil-format ssssxxjj.
8. Fakultattivi: karattru distintiv addizzjonali (assenjat f'ordni alfabetiku minn a sa z). Dan jintuża meta d-deċiżjonijiet jingħataw mill-istess qorti bl-istess data u numru ta' referenza (eż. l-istess data u numru ta' referenza mogħtija għall-estensjoni ta' miżura provviżorja u d-deċiżjoni dwar is-suġġett prinċipali tal-kawża). Karattru distintiv jiżded biss jekk ikun meħtieġ biex tiġi evitata l-allokkazzjoni ta' ECLIs ambigwi.
9. In-numru ta' referenza ewlieni (li jikkonsisti fl-identifikatur tal-awla, ir-referenza tar-reġistru, in-numru tar-reġistrazzjoni u s-sena tar-reġistrazzjoni fil-format yy). Ma hemm l-ebda spazju bejn l-identifikatur tal-awla u r-referenza tar-reġistru, u lanqas bejn ir-referenza tar-reġistru u n-numru tar-reġistrazzjoni. Is-slash bejn in-numru tar-reġistrazzjoni u s-sena tar-reġistrazzjoni titħalla barra wkoll mill-ECLI. In-numru tar-reġistrazzjoni dejjem jintwera bħala numru b'erba' ċifri f'ECLI. Jekk ikun meħtieġ, jiddaħħlu iż-żerijiet fuq quddiem qabel in-numru tar-reġistrazzjoni. Għalhekk, l-aħħar żewġ ċifri jirrappreżentaw dejjem is-sena tar-reġistrazzjoni.

Eżempju:

L-ECLI għad-deċiżjoni tat-Tieni Awla tal-Qorti Kostituzzjonali Federali tal-1 ta' Marzu 2016 bin-numru ta' referenza 2 BvB 1/13 jiġi:

ECLI : DE : BVerfG : 2016 : b s 20160301 c . 2bvb000113
 ① ② ③ ④ ⑤ ⑥ ⑦ ⑧ ⑨

Il-karattru addizzjonali c jindika li din hija r-raba' deċiżjoni illi kieku kien ikollha ECLI identiku.

Il-Qorti tal-Ġustizzja Federali

Il-kodiċi tal-qorti (③) ikun dejjem BGH. In-numru ordinali jikkonsisti fil-partijiet ⑤ sa ⑧. Il-partijiet ⑦ u ⑧ huma separati b'punt. Il-komponenti eżatti tan-numru ordinali huma spjegati fid-dettall hawn taħt.

5. Id-data eżatta tad-deċiżjoni fil-format jjxxss.
6. Abbrevjazzjoni għat-tip ta' deċiżjoni (U għal sentenza (*Urteil*), B għal deċiżjoni (*Beschluss*), V għal ordni (*Gerichtsbescheid*), S għal oħrajn).
7. In-numru ta' referenza ewlieni (li jikkonsisti fl-identifikatur tal-awla, ir-referenza tar-reġistru, in-numru tar-reġistrazzjoni u s-sena tar-reġistrazzjoni fil-format yy). Ma hemm l-ebda spazju bejn l-identifikatur tal-awla u r-referenza tar-reġistru, u lanqas bejn ir-referenza tar-reġistru u n-numru tar-reġistrazzjoni. Is-slash bejn in-numru tar-reġistrazzjoni u s-sena tar-reġistrazzjoni tiġi sostitwita b'punt.
8. Karattru distintiv addizzjonali (assenjat konsekuttivament minn 0 sa 9) jintuża dejjem meta jingħataw bosta deċiżjonijiet tal-istess tip bl-istess data u numru ta' referenza.

Eżempju:

L-ECLI għad-deċiżjoni tat-Tieni Awla Kriminali tal-Qorti tal-Ġustizzja Federali tal-15 ta' Marzu 2016 bin-numru ta' referenza 2 StR 487/15 jiġi:

ECLI : DE : BGH : 2016 : 150316 B 2STR487.15 . 2
 ① ② ③ ④ ⑤ ⑥ ⑦ ⑧

Il-karattru addizzjonali 2 jindika li din hija t-tielet deċiżjoni illi kieku kien ikollha ECLI identiku.

Il-Qorti Amministrattiva Federali

Il-kodiċi tal-qorti (③) ikun dejjem BVerwG. In-numru ordinali jikkonsisti fil-partijiet ⑤ sa ⑧. Il-partijiet ⑦ u ⑧ huma separati b'punt sakemm ma jkunx għe assenjat is-suffiss D (protezzjoni ġudizzjarja fil-każ ta' proċedimenti ġudizzjarji eċċessivament twal), f'liema każ ma jkunx hemm punt bejn in-numru ta' referenza (⑦) u l-karattru distintiv addizzjonali (⑧). Il-komponenti eżatti tan-numru ordinali huma spjegati fid-dettall hawn taħt.

5. Id-data eżatta tad-deċiżjoni fil-format jjxss.
6. Abbrevjazzjoni għat-tip ta' deċiżjoni (U għal sentenza (*Urteil*), B għal deċiżjoni (*Beschluss*), G għal ordni (*Gerichtsbescheid*)).
7. In-numru ta' referenza ewlieni (li jikkonsisti fl-identifikatur tal-awla, ir-referenza tar-reġistru, in-numru tar-reġistrazzjoni u s-sena tar-reġistrazzjoni fil-format yy). Ma hemm l-ebda spazju bejn l-identifikatur tal-awla u r-referenza tar-reġistru, u lanqas bejn ir-referenza tar-reġistru u n-numru tar-reġistrazzjoni. Numri ta' referenza aktar antiki jkollhom slash bejn in-numru tar-reġistrazzjoni u s-sena tar-reġistrazzjoni; fl-ECLIs, din is-slash tiġi sostitwita b'punt.
8. Karattru distintiv addizzjonali (assenjat konsekuttivament minn 0 sa 9) jintuża dejjem meta jingħataw bosta deċiżjonijiet tal-istess tip bl-istess data u numru ta' referenza.

Eżempju:

L-ECLI għas-sentenza tad-Disa' Awla tal-Qorti Amministrattiva Federali tas-17 ta' April 2002 bin-numru ta' referenza 9 CN 1/01 jiġi:

ECLI : DE : BVerwG : 2002 : 170402 U 9CN1.01 . 0
① ② ③ ④ ⑤ ⑥ ⑦ ⑧

Il-Qorti Fiskali Federali

Il-kodiċi tal-qorti (③) ikun dejjem BFH. In-numru ordinali jikkonsisti fil-partijiet ⑤ sa ⑧. Kull parti hija sseparata mill-oħrajn b'punt. Il-komponenti eżatti tan-numru ordinali huma spjegati fid-dettall hawn taħt.

5. Taqsira għat-tip ta' deċiżjoni:

VE Talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE

VV Sottomissjoni lill-Qorti Kostituzzjonali Federali

Deċiżjoni fi proċedimenti għal miżuri provviżorji:

BA talba għal sospensjoni ta' eżekuzzjoni [A1] u appell kontra deċiżjoni ta' sospensjoni ta' eżekuzzjoni [A2]

B Deċiżjoni, ħlief meta jrid jiġi assenjat BA

U Sentenza, ordni tal-qorti legalment vinkolanti, ordni interlokutorja, eċċ.

6. Id-data eżatta tad-deċiżjoni fil-format jjxss.
7. In-numru ta' referenza ewlieni (li jikkonsisti fl-identifikatur tal-awla, ir-referenza tar-reġistru, in-numru tar-reġistrazzjoni u s-sena tar-reġistrazzjoni fil-format yy). Ma hemm l-ebda spazju bejn l-identifikatur tal-awla u r-referenza tar-reġistru, u lanqas bejn ir-referenza tar-reġistru u n-numru tar-reġistrazzjoni. Is-slash bejn in-numru tar-reġistrazzjoni u s-sena tar-reġistrazzjoni tiġi sostitwita b'punt.
8. Karattru distintiv addizzjonali (assenjat konsekuttivament minn 0 sa 9) jintuża dejjem meta jingħataw bosta deċiżjonijiet tal-istess tip bl-istess data u numru ta' referenza.

Eżempju:

L-ECLI għas-sentenza tal-Għaxar Awla tal-Qorti Fiskali Federali tal-1 ta' Ġunju 2016 bin-numru ta' referenza X R 66/14 jiġi:

ECLI : DE : BFH : 2016 : U . 010616 . XR66.14 . 0
① ② ③ ④ ⑤ ⑥ ⑦ ⑧

Il-Qorti Industrijali Federali

Il-kodiċi tal-qorti (③) ikun dejjem BAG. In-numru ordinali jikkonsisti fil-partijiet ⑤ sa ⑧. Kull parti hija sseparata mill-oħrajn b'punt. Il-komponenti eżatti tan-numru ordinali huma spjegati fid-dettall hawn taħt.

5. Id-data eżatta tad-deċiżjoni fil-format jjxxss.
6. Abbrevjazzjoni għat-tip ta' deċiżjoni (U għal sentenza (*Urteil*), B għal deċiżjoni (*Beschluss*)).
7. In-numru ta' referenza ewlieni (li jikkonsisti fl-identifikatur tal-awla, ir-referenza tar-reġistru, in-numru tar-reġistrazzjoni u s-sena tar-reġistrazzjoni fil-format yy). Ma hemm l-ebda spazju bejn l-identifikatur tal-awla u r-referenza tar-reġistru, u lanqas bejn ir-referenza tar-reġistru u n-numru tar-reġistrazzjoni. Is-slash bejn in-numru tar-reġistrazzjoni u s-sena tar-reġistrazzjoni tiġi sostitwita b'punt.
8. Karattru distintiv addizzjonali (assenjat konsekuttivament minn 0 sa 9) jintuża dejjem meta jingħataw bosta deċiżjonijiet tal-istess tip bl-istess data u numru ta' referenza.

Eżempju:

L-ECLI għas-sentenza tal-Għaxar Awla tal-Qorti Industrijali Federali tas-7 ta' Jannar 2015 bin-numru ta' referenza 10 AZB 109/14 jiġi:

ECLI : DE : BAG : 2015 : 070115 . B . 10AZB109.14 . 0
① ② ③ ④ ⑤ ⑥ ⑦ ⑧

Il-Qorti Soċjali Federali

Il-kodiċi tal-qorti (③) ikun dejjem BSG. In-numru ordinali jikkonsisti fil-partijiet ⑤ sa ⑧. Il-partijiet ma huma sseparati bl-ebda mod. Il-komponenti eżatti tan-numru ordinali huma spjegati fid-dettall hawn taħt.

5. Id-data eżatta tad-deċiżjoni fil-format jjxxss.
6. Abbrevjazzjoni għat-tip ta' deċiżjoni (U għal sentenza (*Urteil*), B għal deċiżjoni (*Beschluss*)).
7. In-numru ta' referenza ewlieni (li jikkonsisti f'B għall-Qorti Soċjali Federali, l-identifikatur tal-awla, l-identifikatur tal-kaxxa, in-numru tar-reġistrazzjoni fil-kaxxa rilevanti u r-reġistru assoċjat, is-sena tar-reġistrazzjoni fil-format yy ur-referenza tar-reġistru). Il-komponenti mhux alfanumeriċi tan-numru tar-referenza jitħallew barra.
8. Karattru distintiv addizzjonali (assenjat konsekuttivament minn 0 sa 9) jintuża dejjem meta jingħataw bosta deċiżjonijiet tal-istess tip bl-istess data u numru ta' referenza.

Eżempju:

L-ECLI għas-sentenza tat-Tielet Awla tal-Qorti Soċjali Federali tal-25 ta' Jannar 2017 bin-numru ta' referenza B 3 P 2/15 R:

ECLI : DE : BSG : 2017 : 250117 U B3P215R 0
① ② ③ ④ ⑤ ⑥ ⑦ ⑧

Il-Qrati tal-Länder

Il-kodiċijiet tal-qorti ammissibbli (③) huma elenkati fit-[tabella mehmuża](#)  (52 KB) . In-numru ordinali

jikkonsisti fil-partijiet ⑤ sa ⑦. Kull parti hija sseparata mill-oħrajn b'punt. Il-komponenti eżatti tan-numru ordinali huma spjegati fid-dettall hawn taħt.

5. Id-data eżatta tad-deċiżjoni fil-format xxss.
6. In-numru ta' referenza (jew in-numri ta' referenza, jekk ikun hemm numri ta' referenza multipli) sa 17-il karattru, li jibdew bl-ewwel karattru tan-numru ta' referenza prinċipali. Jekk ikun hemm punt wara s-17-il karattru, dan il-punt jitħalla barra. L-umlauts jiġu sostitwiti (ä = AE, ö = OE, ü = UE) u karattri mhux alfanumeriċi bħall-ispazji jew is-slashes jitħallew barra. Jekk in-numri jew l-ittri jintwerew f'idejn xulxin, dawn jiġu sseparati b'punt (eż. 9 C 1023/12 isir 9C1023.12).
7. Karattru distintiv addizzjonali b'żewġ ċifri (assenjat konsekuttivament minn 00 sa 99) jintuża dejjem meta jingħataw bosta deċiżjonijiet tal-istess tip bl-istess data u numru ta' referenza.

Eżempju:

L-ECLI għad-deċiżjoni tas-Sitt Awla Manja għar-Reati Ekonomiċi tal-Qorti Reġjonali ta' Stuttgart tas-26 ta' Jannar 2015 bin-numru ta' referenza 6 KLS 34 Js 2588/10 jiġi:

ECLI : DE : LGSTUTT : 2015 : 0126 . 6KLS34JS2588.10 . 00
① ② ③ ④ ⑤ ⑥ ⑦

L-aħħar aġġornament: 08/12/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.